MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 15/2024 LM

**John Camilleri (K.I. nru. 461359M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**INDIS Malta Limited (C 28965)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **INDIS Malta Limited (C 28965)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fl-4 ta' Marzu, 2024, mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetà intimata fil-

konfront tat-talbiet tar-rikorrent **John Camilleri (K.I. nru. 461359M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddisponi minn din il-vertenza billi:*
>
> *Jiċħad l-eċċezzjoni preliminari, u ċioe li t-talba tar-rikorrent hija perenta ai termini tal-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement jordna l-prosegwiment tal-kawża.*
>
> *Għall-iskopijiet tal-Artikolu 78 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad illi din il-vertenza ma setgħetx tiġi deċiża fiż-żmien mogħti bil-Liġi minħabba differimenti u raġunijiet amministrattivi.*
>
> *L-ispejjeż ta' din il-vertenza jitħallsu unikament mis-soċjetà intimata."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie impjegat mas-soċjetà intimata fir-rwol ta' *ERDF Project Leader* fuq kuntratt definit b'effett mit-28 ta' Novembru, 2016, meta s-soċjetà intimata kien jisimha 'Malta Industrial Parks Limited'. Spjega li fit-23 t'April, 2017 huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien ser jiġi kkonvertit għal wieħed indefinit, filwaqt li fl-1 ta' Diċembru, 2021 ir-rwol tiegħu ġie rivedut sabiex b'hekk huwa beda jaqdi r-rwol ta' '*Head-Projects Technical Administration'.* Fl-istess żmien, is-soċjetà intimata bidlet isimha għal INDIS Malta Limited. Ir-rikorrent spjega li f'dan ir-rwol tiegħu huwa kien assenjat it-tmexxija ta' diversi proġetti maġġuri ta' infrastruttura industrijali, ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea fl-oqsma industrijali tax-Xewkija u ta' Ta' Qali, karigi diversi fuq proġetti ffinanzjati direttament minn INDIS, u responsabbilità tat-*Technical Department,* u responsabbilità diretta għal diversi proġetti ta' amministrazzjoni. Qal li dawn tal-aħħar kienu jinkludu l-formulazzjoni annwali tal-pjanijiet ta'

azzjoni tal-INDIS, xahar b'xahar, komunikazzjoni mal-Ministeru u entitajiet oħra esterni bħal risposti għal mistoqsijiet parlamentari, rappurtaġġ lill-Ministru ta' kull xahar dwar il-progress ta' diversi proġetti tal-INDIS, u rappurtaġġ annwali lil diversi entitajiet fuq aspetti diversi tal-operat, reviżjoni tal-*policy,* u l-implimentazzjoni tas-sehem tal-INDIS f'diversi pjanijiet strateġiċi nazzjonali bħal ma huwa l-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp. Ir-rikorrent qal li huwa kien impjegat bieżel, u dejjem wettaq id-dmirijiet tiegħu bl-akbar ħila u dedikazzjoni. Qal ukoll li s-soċjetà intimata tħaddem sistema fejn ħaddiem li jkun laħaq l-età tal-irtirar, jista' jitlob estensjoni ta' sena sabiex il-prinċipal u l-impjegat ikunu qegħdin jidħlu fi ftehim li bih il-prinċipal jirrinunzja għad-dritt tiegħu skont il-liġi li jtemm l-impjieg tal-impjegat hekk kif l-impjegat jilħaq l-età tal-irtirar, u jipposponi dan id-dritt b'sena. Ir-rikorrent qal li huwa kien esprima l-interess tiegħu li jagħmel użu minn din il-possibbiltà fis-16 ta' Diċembru, 2022, u riċeva permess bil-miktub mill-*management* fit-3 ta' Jannar, 2023. Qal li wara bidla fil-*management* tas-soċjetà intimata, fis-6 ta' Ġunju, 2023, ftit jiem qabel ir-rikorrent laħaq l-età tal-irtirar, huwa ġie infurmat li s-soċjetà intimata ma kinitx ser iġġeddidlu l-impjieg tiegħu, wara li jilħaq l-età tal-irtirar. Ir-rikorrent qal li fl-14 ta' Ġunju, 2023, huwa ġie infurmat li ma kellux jersaq aktar fuq il-post tax-xogħol. Ir-rikorrent qal li huwa lanqas biss ingħata ittra ta' terminazzjoni, u kellu jkun huwa stess li jindaga mal-JobsPlus sabiex jara jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ġietx irreġistrata.

3. Ir-rikorrent qal li m'hemmx dubju li l-permess bil-miktub li huwa rċieva fit-3 ta' Jannar, 2023 biex jipposponi l-irtirar tiegħu b'sena, ma setax jiġi revokat jew imħassar, u għalhekk is-soċjetà intimata tterminatlu l-impjieg mhux biss bi

ksur ta' dak li kien ġie miftiehem bejn il-partijiet, iżda anki qabel l-età tal-irtirar fid-19 ta' Ġunju, 2023. Qal li għalhekk, it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda abbużiva, illegali, u saret bi ksur ta' dak miftiehem bejn il-partijiet, u għalhekk tammonta għal tkeċċija inġusta. Ir-rikorrent għaldaqstant talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta u migħajr raġuni tajba biżżejjed, u għalhekk hija kontra l-liġi, kif ukoll talab lit-Tribunal jillikwida l-kumpens u d-danni kollha li għandhom jitħallsu lilu skont il-liġi.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta, għaliex għandu jirriżulta li dan ressaq l-azzjoni tiegħu wara li għaddew l-erba' xhur stipulati fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li r-rikorrent ġie infurmat permezz ta' email datata l-5 ta' April, 2023, li l-impjieg tiegħu ma kienx ser jiġi estiż oltre l-età pensjonabbli, u għalhekk l-impjieg tiegħu kien ser jittermina f'Ġunju 2023. Is-soċjetà intimata qalet li għalhekk fil-5 ta' April, 2023 ir-rikorrent kien ben konsapevoli li l-impjieg tiegħu ma kienx ser jiġi estiż wara Ġunju 2023, u jekk huwa kellu xi lanjanza dwar xi allegat ksur ta' ftehim, huwa kien obbligat iressaq tali lanjanza quddiem it-Tribunal sa mhux aktar tard mill-4 t'Awwissu, 2023. Qalet li l-proċeduri odjerni ġew mibdija mir-rikorrent fis-7 ta' Settembru, 2023, jiġifieri aktar minn ħames xhur wara li avvera ruħu l-allegat ksur, u għalhekk l-azzjoni odjerna hija perenta. Ir-rikorrent laħaq l-età tal-irtirar fid-19 ta' Ġunju, 2023, u b'applikazzjoni tal-artikolu 36(14) (a) sa (g) tal-Kap. 452, huwa ammess li l-prinċipal jista' jtemm l-impjieg tal-impjegat meta l-impjegat jilħaq l-età tal-pensjoni kif imfisser fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Qalet ukoll li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent meta huwa laħaq l-età tal-pensjoni hija

f'konformità mal-liġi. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li mhuwiex minnu li l-impjieg tar-rikorrent ġie terminat fl-14 ta' Ġunju, 2023, qabel ma huwa laħaq l-età tal-irtirar. Hawnhekk l-intimata għamlet riferiment għall-korrispondenza li kien hemm bejn ir-rikorrent u l-Perit Joseph Attard, dakinhar CEO tal-INDIS, fejn Camilleri ressaq it-talba tiegħu li jiġi kkunsidrat sabiex jibqa' fl-impjieg tas-soċjetà intimata wara li jilħaq l-età tal-irtirar. Il-manwal tal-impjegati tas-soċjetà intimata jgħid li talba bħal din trid titressaq tal-anqas sitt xhur qabel l-età tal-irtirar, u għalhekk Camilleri kellu jressaq din it-talba sa mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru, 2023. Madankollu, l-imsemmija talba tressqet fit-3 ta' Jannar, 2023. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent fl-ebda waqt ma ġie nfurmat li t-talba tiegħu kienet intlaqgħet, u s-CEO tagħha dak iż-żmien irrefera l-kwistjoni lill-HR Section sabiex it-talba tar-rikorrent tiġi evalwata. Qalet li wara li saret evalwazzjoni mill-*management* tal-INDIS, ir-rikorrent ġie nfurmat li t-talba tiegħu ma kinitx intlaqgħet. Qalet ukoll li dak iż-żmien il-Perit Joseph Attard kien iċ-*Chief Executive Officer* tagħha u mhux iċ-Chairman, u l-*Head of Entity* li seta' japprova t-talba tar-rikorrent kien iċ-Chairman tagħha u mhux is-CEO. Qalet ukoll li tali talba setgħet tintlaqa' biss wara li ssir evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet relattivi, u mhux dak il-ħin stess.

6. Is-soċjetà intimata qalet illi li kieku hija għażlet li tittermina l-impjieg tar-rikorrent qabel l-età tal-irtirar, hija kienet tkun ġustifikata għal raġunijiet validi fil-liġi. Qalet ukoll li t-terminazzjoni ta' impjegat li jkun laħaq l-età tal-irtirar, tista' ssir ħesrem mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm raġunijiet tajba għal dan, u dan mingħajr obbligu ta' ħlas għat-terminazzjoni jew xi avviż tat-temm tal-impjieg. Qalet li Camilleri mhux ġustifikat jippretendi li huwa kellu dritt jibqa' sena oħra

fl-impjieg wara l-età tal-irtirar, u dan għaliex ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lis-soċjetà intimata milli titterminalu l-impjieg ħesrem f'kull żmien, ladarba huwa kien pensjonant. Qalet ukoll li din il-pożizzjoni tagħha għandha timmilita kontra t-talba tar-rikorrent li jingħata xi forma ta' kumpens u danni, għaliex ladarba huwa kien pensjonant, ma kellu l-ebda *security of tenure* fl-impjieg tiegħu, u lanqas m'għandu jippretendi li jiġi kkumpensat.

## Id-Deċiżjoni Appellata

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fl-4 ta' Marzu, 2024, it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà appellata, jiġifieri li l-kwistjoni hija perenta, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**5.** **Kunsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetà intimata u ċioe illi t-talba tar-rikorrent hija perenta ai termini tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 u dana billi l-każ odjern ma tressaqx entro ż-żmien stabbilit mil-liġi u ċioe ta' erba' xhur minn meta seħħ il-ksur allegat.*

*L-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:*

(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –

(a) Il-każjiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
(b) It-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perijodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u

(ċ) Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra min proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod

ieħor jallega li l-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew li għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.

(2) Meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem.

(3) Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, għandha ssir peremzz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ippreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat."

*Is-soċjetà intimata fit-trattazzjoni irrilevat illi l-pern tal-kawża kif imsejsa mill-kawżali hija li r-rikorrent talab sabiex ikompli jaħdem wara l-età tal-irtirar u ċioe wara d-19 ta' Ġunju stante li fl-20 ta' Ġunju kien ser jagħlaq żmienu. Is-soċjetà intimata kompliet issostni li tali talba ġiet rifjutata permezz ta' email mibgħuta fil-5 t'April liema deċiżjoni qatt ma ġiet irrevokata jew mibdula u għalhekk il-kawża odjerna ġiet ippreżentata ferm wara l-erba' xhur hekk kif tistipula l-Liġi.*

*Min-naħa l-oħra r-rikorrent fit-trattazzjoni jsostni illi huwa kien bagħat għal permess lis-CEO sabiex il-kuntratt jiġġedded fejn is-CEO kien tah il-permess tiegħu fit-3 ta' Jannar, 2023 u jikkontendi li dik id-deċiżjoni ma setgħetx tiġi riveduta. Inoltre, jittratta li l-Liġi tippermetti li l-prinċipal għandu dritt li jittermina fl-età tal-irtirar u mhux ġurnata qabel kif għamel il-prinċipal f'dan il-każ.*

*Fir-replika tagħha s-soċjetà intimata ttrattat illi dan imur kontra l-kawżali għaliex il-kawżali huma msejsa fuq l-email mibgħuta fit-3 ta' Jannar u minn imkien ma joħroġ illi t-terminazzjoni inġusta hija bbażata fuq il-fatt li r-rikorrent ġie tterminat fid-19 u mhux fl-20 ta' Ġunju.*

*Mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-mertu, mit-talba hekk kif imsejsa r-rikorrent qal:*

- *Illi meta kien ser jilħaq l-età tal-irtirar talab estensjoni ta' sena permezz ta' email u irċieva permess bil-miktub mis-CEO fit-3 ta' Jannar, 2023;*
- *Wara bidla fil-*management *tas-soċjetà intimata, fis-6 ta' Ġunju, 2023, ftit jiem qabel ma kellu jilħaq l-età tal-irtirar ġie infurmat li ma kinitx ser iġġeddidlu l-impjieg u kienet ser tittermina l-impjieg a bażi tal-età tal-irtirar;*
- *Illi mhux talli s-soċjetà itterminatlu l-impjieg bi ksur ta' dak li ġie miftiehem iżda itterminat l-impjieg qabel għalaq l-età tal-irtirar u ċioe fid-19 ta' Ġunju, 2023.*

*Illi għalhekk mit-talba kif imsejsa mir-rikorrent, qiegħed jitlob li ġie tterminat b'mod inġust u dan għaliex ma kellux jiġi revokat il-permess mogħti lilu kif kien ġja miftiehem u għaliex ġie tterminat qabel għalaq l-età tal-irtirar u ċioe fid-19 ta' Ġunju, 2023.*

*Illi għalhekk it-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jara jekk tali azzjoni saritx wara l-erba' xhur preskritt mil-liġi.*

*Mill-provi mressqa jirriżulta li:*

- *Fit-3 ta' Jannar, 2023 ir-rikorrent bagħat email indirizzata lill-Perit Joseph Attrd fejn urieh ix-xewqa li jiġi estiż il-kuntratt tax-xogħol tiegħu għal żmien sena wara li jilħaq l-età pensjonabbli. (fn. 6: a fol. 26 et seq tal-proċess)*
- *Fl-istess ġurnata irċieva risposta mingħand il-Perit Attard (fn. 7: ibid) fejn qallu li min-naħa tiegħu ma kellux oġġezzjoni u għadda l-istess email lil Francois Piccione fejn qallu "*Kindly tackle request through HR section".
- *Fil-5 ta' April, 2023 intbagħat email mingħand Francois Piccione fejn informa lir-rikorrent li wara li raw ir-rakkomandazzjoni tal-Perit Attard, it-talba kienet għaddiet għand il-maniġment għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Il-Maniġment kienet iddeċidiet li t-talba ma ġietx milqugħa.*
- *Permezz ta' email datata 5 ta' Mejju, 2023 Steve Piscopo informa lir-rikorrent "*I will review your case and will keep you posted."
- *Fil-15 ta' Mejju, 2023, Steve Piscopo kien informa lir-rikorrent li sfortunatament, id-deċiżjoni kienet għadha l-istess, iżda kien għadu qed jistenna aktar direzzjonijiet minn membri oħra tal-maniġment.*

*Illi mill-provi hekk kif prodotti jirriżulta illi għalkemm id-deċiżjoni ttieħdet fil-5 ta' April, kien hemm komunikazzjoni li t-talba tar-rikorrent kienet ser tiġi riveduta fil-5 ta' Mejju, 2023 u fil-15 ta' Mejju, 2023 kien hemm komunikazzjoni oħra mar-rikorrent li d-deċiżjoni ma kinitx inbidlet, u kien għadu qed jistenna direzzjoni mingħand il-membri oħra tal-maniġment.*

*Inoltre, ir-rikorrent ġie tterminat fid-19 ta' Ġunju, 2023 filwaqt li qed jikkontendi li kellu jiġi tterminat fl-20 ta' Ġunju, 2023;*

*Jirriżulta illi t-talba ġiet ippreżentata fis-7 ta' Settembru, 2023 u għalhekk fi żmien erba' xhur kemm mill-komunikazzjoni mar-rikorrent fil-15 ta' Mejju, 2023 u kemm minn meta ġie tterminat u ċioe mid-19 ta' Ġunju, 2023, u dan skont dak stipulat fl-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta."*

**L-Appell**

8. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-14 ta' Marzu, 2024, is-soċjetà intimata talbet lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet premessi, filwaqt li tiddikjara li l-azzjoni esperita minn John Camilleri hija perenta *ai termini* tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-appellat kien impjegat tagħha fuq bażi indefinita, u huwa kien ser jilħaq l-età tal-irtirar tiegħu f'Ġunju tal-2023. Qalet li fit-3 ta' Jannar, 2023, l-appellat bagħat *email* lis-CEO tagħha, fejn infurmah li f'Ġunju kien ser jagħlaq 64 sena, u għalkemm kien ser ikun eliġibbli għall-pensjoni tal-irtirar, xtaq jara jekk is-soċjetà appellanta kinitx disposta li żżommu fuq il-kotba tagħha għal sena oħra. Is-CEO tal-INDIS ta' dak iż-żmien, kien irrisponda lill-appellant illi ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tiegħu, iżda dderiġa lil persuna li taħdem fl-amministrazzjoni tal-kumpannija tressaq tali talba quddiem is-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani tal-kumpannija. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk in-*no objection* kienet tirrispekkja l-opinjoni tal-Perit Attard dwar it-talba ta' Camilleri. Min-naħa tiegħu, il-Perit Attard talab lis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà appellanta tevalwa din it-talba. Is-soċjetà appellanta spjegat li wara li din it-talba ġiet evalwata, fil-5 ta' April, 2023 l-appellat ġie infurmat li t-talba tiegħu ma kinitx intlaqgħet. Is-soċjetà appellanta

qalet li għalhekk fil-5 ta' April, 2023, l-appellat kien jaf li l-impjieg tiegħu ma kienx ser jiġi estiż wara d-19 ta' Ġunju tal-2023, u jekk huwa kellu xi lanjanza dwar dan, din kellha titressaq quddiem it-Tribunal Industrijali fi żmien erba' xhur minn din id-data. Is-soċjetà appellanta qalet li John Camilleri ma kienx kuntent b'din id-deċiżjoni, u għalhekk għamel kuntatt ma' ċertu Stephen Piscopo, li dak iż-żmien kien jieħu ħsieb is-Sezzjoni Riżorsi Umani tal-INDIS, u staqsieh jekk kienx hemm xi *misunderstanding* dwar is-sitwazzjoni tiegħu. Piscopo informa lill-appellat li kien ser jirrevedi l-każ, u jagħmel kuntatt miegħu mill-ġdid. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-15 ta' Mejju, 2023, Piscopo bagħat jinforma lill-appellat li d-deċiżjoni kienet ser tibqa' l-istess, u li l-aħħar ġurnata ta' xogħol tal-appellat mal-INDIS kellha tkun id-19 ta' Ġunju, 2023. Is-soċjetà appellanta qalet li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti fis-7 ta' Settembru, 2023, jiġifieri wara li kien għadda l-perijodu ta' erba' xhur mid-data tal-ittra tal-5 ta' April, 2023.

10. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal għamel interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452. Spjegat li l-perijodu ta' erba' xhur huwa perijodu ta' dekadenza, u għalhekk la jista' jiġi prorogat, la jista' jiġi sospiż, u lanqas ma jista' jiġi interrott, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonali previsti mil-liġi. Is-soċjetà appellanta qalet li l-perijodu ta' erba' xhur kellu jibda jiddekorri mid-data tal-allegat ksur, u f'dan il-kuntest irid jiġi eżaminat l-allegat ksur f'hiex jikkonsisti. Qalet li t-talba tal-appellat kienet sabiex l-impjieg tiegħu jiġi estiż għal tnax-il xahar wara l-età tal-irtirar, iżda din it-talba ġiet miċħuda. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni tas-soċjetà appellanta dwar it-talba ta' Camilleri, ttieħdet permezz tal-email tal-5 ta' April, 2023. Qalet ukoll li minkflok ma pproċeda bil-lanjanza tiegħu quddiem it-Tribunal, Camilleri għażel li jikkomunika ma' Stephen

Piscopo f'Mejju tal-2023, biex jitlob li d-deċiżjoni li ttieħdet tiġi riveduta, iżda Piscopo infurmah li d-deċiżjoni kienet għadha l-istess. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, għażel li jinterpreta l-komunikazzjoni li saret f'Mejju tal-2023 bejn Camilleri u Piscopo bħala xi forma ta' interruzzjoni jew sospensjoni tal-perijodu perentorju ta' erba' xhur, tant hu hekk li ddeċieda li l-perijodu ta' erba' xhur kellu jibda jiddekorri mill-15 ta' Mejjju, 2023, u mhux mill-5 ta' April, 2023. Qalet li bir-raġunament tat-Tribunal, dan ikun ifisser li kull meta impjegat jagħżel li jitlob *review* ta' deċiżjoni meħuda minn  min iħaddmu, dan ikun ifisser li l-perijodu stipulat fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 jiġi sospiż sakemm tiġi konkluża r-*review*. Qalet li d-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat ma jiġix estiż ittieħdet fil-5 t'April, 2023, u kull skambju ta' korrispondenza wara din id-data bl-ebda mod ma bidel id-deċiżjoni li ttieħdet fil-5 t'April, 2023, anzi kkonfermat din id-deċiżjoni. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll illi li kieku kellu jkun mod ieħor, ikun ifisser li t-termini ta' dekadenza jistgħu jiġu sospiżi fuq għażla unilaterali tal-impjegat, u dan billi jibgħat email u jitlob li d-deċiżjoni tiġi *reviewed.* Qalet li dan la huwa l-ispirtu tal-liġi, u lanqas m'huwa konformi mal-ġurisprudenza prevalenti. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li ma kien hemm xejn li jwaqqaf lill-appellat milli jipproċedi bit-talba tiegħu quddiem it-Tribunal fi żmien erba' xhur mill-5 ta' April, 2023, u kienet għażla tiegħu li jitlob li d-deċiżjoni tiġi riveduta, għalhekk *imputet sibi.* Qalet illi li kieku kien mod ieħor, kull perijodu perentorju stabbilit fil-liġi jisfaxxa fix-xejn, u ladarba Camilleri ħassu aggravat bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-5 ta' April, 2023, huwa kellu jressaq it-talba tiegħu quddiem it-Tribunal fil-perijodu stabbilit, u mhux joqgħod jistenna l-eżitu tal-korrispondenza skambjata.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat allega li l-impjieg tiegħu ġie tterminat qabel id-data tal-irtirar, jiġifieri fl-14 ta' Ġunju, 2023 minflok l-20 ta' Ġunju, 2023, u jidher li t-Tribunal ħa konjizzjoni ta' din id-data fid-deċiżjoni tiegħu. Qalet li l-impjieg ta' Camilleri ġie tterminat għaliex laħaq l-età tal-irtirar, u għalhekk kien hemm raġuni tajba biżżejjed għat-terminazzjoni. Qalet li dak li jikkontesta Camilleri huwa l-fatt li ma ġietx milqugħa t-talba tiegħu għall-estensjoni tal-impjieg tiegħu għal tnax-il xahar oltre l-età tal-irtirar. Qalet li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg ta' Camilleri mhijiex parti mill-kawżali tal-lanjanza tiegħu, iżda l-qofol tal-lanjanza tiegħu hija d-deċiżjoni li ttieħdet fil-5 ta' April, 2023, li l-impjieg tiegħu ma jiġix estiż oltre l-età tal-irtirar. Is-soċjetà appellanta qalet li Camilleri stess ammetta li l-aħħar ġurnata li huwa ħadem kienet id-19 ta' Ġunju, 2023, u għalhekk ma setax ikun li l-impjieg tiegħu ġie tterminat qabel ma huwa laħaq l-età tal-irtirar. Qalet li s-sistema tal-kalkolu ta' meta wieħed għandu jirtira b'riferiment għad-data meta jagħlaq sninu, hija waħda li ilha stabbilita, u għalhekk ma kien hemm l-ebda tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu qabel ma huwa laħaq l-età tal-irtirar tiegħu.

## **<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat wieġeb billi qal li l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa wieħed marbut mal-kwadru tal-fatti kif ġraw, u ladarba appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, ir-rikors tal-appell tal-appellanta għandu jitqies li huwa null. Qal ukoll, mingħajr preġudizzju għall-ewwel sottomissjoni tiegħu, li jekk din il-Qorti tiddeċiedi li li l-appell huwa wieħed validu, l-azzjoni tiegħu ma kinitx preskritta. Qal li l-kawża tiegħu hija

bbażata fuq żewġ binarji. Spjega li d-deċiżjoni tas-CEO tas-soċjetà appellanta tat-3 ta' Jannar, 2023, kienet li l-impjieg tiegħu kellu jiġi estiż għal sena, u din id-deċiżjoni ma setgħetx tiġi mħassra jew revokata għaliex ma kinitx deċiżjoni riversibbli unilateralment. L-appellat kompla jgħid li huwa tkeċċa mill-impjieg fid-19 ta' Ġunju, 2023, u għalhekk effettivament qabel laħaq l-età tal-irtirar, u dan meta s-soċjetà appellanta ma kellha l-ebda bażi legali sabiex titterminalu l-impjieg, għaliex fid-19 ta' Ġunju, 2023 huwa ma kienx għadu sar pensjonant. Qal li l-Kap. 452 jipprovdi li biex prinċipal ikeċċi impjegat, irid ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed, sakemm ma jkunx hemm sensja, u t-terminazzjoni mill-impjieg għal raġunijiet ta' irtirar hija l-eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali. L-appellat qal li s-CEO tas-soċjetà appellanta kien ta l-approvazzjoni tiegħu fit-3 ta' Jannar, 2023 sabiex l-impjieg tiegħu jiġi estiż għal sena, u din is-sena kellha tibda tapplika mill-età tal-irtirar, b'effett mill-21 ta' Ġunju, 2023. Qal li s-soċjetà appellanta tagħti l-impressjoni li meta s-CEO tagħha, fl-email tat-3 ta' Jannar, 2023, kiteb "*Dear John, no objection from my side, @ Francoise – kindly tackle request through HR Section",* dan kien ifisser li t-talba tiegħu kellha tiġi evalwata mill-*management* tal-INDIS. L-appellat qal li s-CEO kien rappreżentant tal-*management,* u meta talab lil Francoise Piccione jesegwixxi l-istruzzjonijiet tiegħu mad-dipartiment tal-HR, dan kien sempliċement qiegħed jitobu jagħmel dak li hemm bżonn sabiex jesegwixxi l-approvazzjoni li kienet ingħatat. Qal li huwa assurd li s-soċjetà appellanta tipprova targumenta li s-CEO ser joqgħod għal xi deċiżjoni li jieħu xi ħadd li jwieġeb lilu fil-ġerarkija tal-kumpannija, u s-subordinati tas-CEO ma kellhom l-ebda setgħa biex iwarrbu jew jibdlu tali deċiżjoni. Qal li anki f'każ li jiġi argumentat b'suċċess li d-deċiżjoni tas-CEO setgħet tiġi mibdula, l-argument tas-soċjetà appellanta li l-kawża hija preskritta

ma jreġix, u dan għaliex Steve Piscopo fl-*email* tiegħu tal-15 ta' Mejju, 2023, infurmah li "*[u]nfortunately, the decision is still the same, however I am still waiting further directions from other members of the management."*

13. L-appellat qal li huwa interessanti li wieħed jinnota kif is-soċjetà appellanta ħalliet dan id-dettall barra, u dan sabiex tingħata l-impressjoni li d-deċiżjoni tal-5 ta' April, 2023 kienet *fait accompli.* Qal li għalhekk l-erba' xhur ma setgħux jibdew jgħaddu mill-5 ta' April, 2023, għaliex fl-ewwel lok l-approvazzjoni tas-CEO ma setgħetx tiġi mħassra, u kien biss meta huwa ġie tterminat fid-19 ta' Ġunju, 2023, li kien hemm it-tkeċċija inġusta tiegħu *ai termini* tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal ukoll li minn din il-korrispondenza għandu jirriżulta li fil-15 ta' Mejju, 2023, jiġifieri anqas minn erba' xhur qabel ma huwa daħħal ir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, is-soċjetà appellanta kienet għadha qiegħda tikkunsidra x'setgħet tagħmel. Qal ukoll li fid-19 ta' Ġunju, 2023 huwa kien għadu m'għalaqx l-età tal-irtirar tiegħu, u għalhekk l-impjieg tiegħu ma setax jiġi tterminat dakinhar. L-appellat qal li persuna tilħaq l-età tal-irtirar dakinhar li tagħlaq żmienha u mhux qabel, u anki l-pensjoni tal-irtirar tibda titħallas minn dakinhar. Qal li għalhekk għandu jiġi deċiż li s-soċjetà appellanta ma kellha l-ebda raġuni għalfejn titterminalu l-impjieg fid-19 ta' Ġunju, 2023, u dan sar bi ksur tal-Kap. 452. Qal ukoll li huwa ċar li l-perijodu ta' dekadenza beda jiddekorri fid-19 ta' Ġunju, 2023 u mhux qabel, u għalhekk il-kawża tiegħu mhijiex perenta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat.

*L-Aggravju:* *[Il-kwistjoni hija perenta – l-appellat ressaq l-azzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal wara l-iskadenza ta' erba' xhur minn meta ġie tterminat]*

15. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li l-appellat aġixxa entro t-terminu ta' erba' xhur stipulati mil-liġi, meta dan ressaq l-azzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat ġie infurmat li l-impjieg tiegħu ma kienx ser jiġi estiż wara li jilħaq l-età tal-irtirar fil-5 t'April, 2023, u għalhekk il-perijodu ta' erba' xhur beda jgħaddi minn dik il-ġurnata, sabiex b'hekk kwalsiasi azzjoni tal-appellat kellha titressaq sal-4 t'Awwissu, 2023. Jirriżulta li l-appellat ressaq ir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal fis-7 ta' Settembru, 2023, u għalhekk wara li kienu għaddew l-erba' xhur stipulati mil-liġi sabiex titressaq azzjoni bħal din.

16. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-azzjoni tal-appellat hija maqsuma fuq żewġ binarji, bl-ewwel binarju huwa li kellu l-approvazzjoni tas-CEO mogħtija permezz l-*email* tat-3 ta' Jannar, 2023, li huwa kien ser jibqa' fuq il-kotba tal-kumpannija għal sena wara li jagħlaq l-età tal-irtirar, u deċiżjoni bħal din ma setgħetx tiġi irtirata minn persuna jew persuni li huma subordinati tas-CEO fil-ġerarkija tal-kumpannija. It-tieni binarju li fuqu hija msejsa l-azzjoni tal-appellat, huwa li l-

impjieg tiegħu ġie tterminat b'mod inġust ġurnata qabel ma huwa għalaq sninu, u għalhekk huwa tkeċċa mill-impjieg mingħajr ma kien hemm raġuni għal dan.

17. Fl-ewwel lok il-Qorti tqis li, u dan b'riferiment għall-eċċezzjoni sollevata mill-appellat fir-risposta tiegħu għall-appell tas-soċjetà appellanta, l-aggravju mressaq mill-appellanta huwa dwar punt ta' liġi, anzi dwar punt ta' ordni pubbliku, jiġifieri jekk kienx ġustifikat l-appellat iqis li kien hemm sospensjoni tat-terminu perentorju ta' erba' xhur, in vista tal-korrispondenza li kellu ma' xi ħadd li jaħdem fis-Sezzjoni tal-HR tal-kumpannija. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell odjern huwa ammissibbli, u hija għandha l-*vires* neċessarju sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha u tiddeċiedi dwar dan l-aggravju. Tirrileva wkoll li l-*email* tas-CEO tas-soċjetà appellanta tat-3 ta' Jannar, 2023, tindika b'mod ċar li l-aħħar kelma dwar it-talba tal-appellat ma kinitx tas-CEO, iżda kienet meħtieġa koordinazzjoni mas-Sezzjoni tal-HR sabiex it-talba tal-appellat setgħet tiġi deċiża. Fil-fatt, permezz ta' *email* mibgħuta lill-appellat fil-5 t'April, 2023, huwa ġie infurmat li wara li t-talba tiegħu ġiet evalwata, ġie deċiż li t-talba tiegħu li jibqa' jaħdem għal sena oħra wara l-età tal-irtirar, ma kinitx intlaqgħet. Fil-fatt, l-*email* mibgħuta lill-appellat fil-5 t'April, 2023 tgħid hekk: *"[f]ollowing your discussions with CEO Mr Fenech, kindly be advised that following Perit Attard's recommendation, this have referred to Management for their consideration. Management has decided that given the current exigencies of the Company there is no scope for extension and consequently, your request cannot be entertained."* Mill-kontenut ta' din l-*email* għandu jirriżulta li qabel setgħet tiġi deċiża t-talba tal-appellat, kellu jsir eżami dwar jekk il-kumpannija kienx għadx għandha l-ħtieġa tas-servizzi tal-appellat, u għalhekk ċertament li din ma

kinitx deċiżjoni li setgħet tittieħed unilateralment minn persuna waħda, irrispettivament mir-rwol li dan jokkupa fil-ġerarkija tal-kumpannija. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-appellat ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien ser jittermina f'Ġunju bl-*email* tal-5 ta' April, 2023. It-talba magħmula minnu sabiex it-talba tiegħu tiġi evalwata mill-ġdid, bl-ebda mod ma kellha xxekkel id-dritt tiegħu li jressaq talba quddiem it-Tribunal f'każ li huwa kien tal-fehma li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat inġustament. Iżda dan id-dritt kellu jiġi eżerċitat entro t-terminu ta' erba' xhur minn meta huwa ġie notifikat bl-*email* tal-5 ta' April, 2023, li kienet l-ewwel korrispondenza li permezz tagħha l-appellat ġie infurmat li t-talba tiegħu sabiex jibqa' jaħdem għal sena wara li jilħaq l-età tal-irtirar, ma kinitx intlaqgħet. Kwalunkwe talba mressqa mill-appellat sabiex il-każ tiegħu jiġi kkunsidrat mill-ġdid, u r-risposti li ngħata li ser isiru aktar verifiki, ma jibdlux il-fatt li fil-5 ta' April, 2023, huwa ġie mgħarraf li s-soċjetà appellanta ma kinitx ser iżżommu fuq il-kotba tagħha wara li jilħaq l-età tal-irtirar. Dan ifisser li l-azzjoni dwar il-pretensjoni tiegħu li kien hemm xi forma ta' inġustizzja bil-mod kif hu ġie mgħarraf li s-servizzi tiegħu ma kinux aktar meħtieġa wara li hu jirtira, kellha tiġi eżerċitata sal-4 t'Awwissu, 2023. Safejn għalhekk jirrigwarda l-ewwel binarju li fuqu hija msejsa l-azzjoni tal-appellat, l-azzjoni hi perenta, għaliex laħqu għaddew aktar minn erba' xhur mid-data meta l-appellat ġie nfurmat li s-servizzi tiegħu ma kinux aktar meħtieġa sad-data meta huwa ressaq l-azzjoni tiegħu.

18. Għar-rigward tat-tieni binarju tal-azzjoni, ossija l-fatt li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tal-appellat kienet id-19 ta' Ġunju, 2023, mentri huwa jagħlaq sninu fl-20 ta' Ġunju, 2023, l-appellat qiegħed jikkontendi li l-impjieg tiegħu intemm

qabel ma huwa laħaq l-età tal-irtirar, il-Qorti tirrileva li l-appellat kien għadu fil-ħin li jressaq dik l-azzjoni, ladarba din hija xi ħaġa li avverat ruħha fid-19 ta' Ġunju, 2023. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li t-Tribunal għandu jkompli jisma' l-ilment tal-appellat fir-rigward ta' meta kellu jaħdem l-aħħar sabiex jitqies li huwa sar pensjonant, u dwar jekk hux minnu li huwa tkeċċa mill-impjieg qabel effettivament laħaq l-età tal-irtirar.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-appell odjern billi filwaqt li (i) tilqgħu parzjalment, u tiddikjara l-azzjoni tal-appellat perenta safejn din tikkonċerna d-deċiżjoni tas-soċjetà appellanta dwar it-talba tal-appellat sabiex jaħdem għal sena wara l-età tal-irtirar, stante li din kellha titressaq fi żmien erba' xhur minn meta huwa rċieva l-*email* tal-5 ta' April, 2023, li permezz tagħha huwa sar jaf li t-talba tiegħu kienet ġiet miċħuda; (ii) safejn l-appellat qiegħed jilmenta wkoll li huwa twaqqaf mill-impjieg qabel għalaq l-età ta' 64 sena, jiġifieri ġurnata qabel ma huwa laħaq l-età tal-irtirar, tordna li l-atti jintbagħtu quddiem it-Tribunal sabiex jitkompla s-smigħ dwar il-mertu.**

**F'dan l-istadju l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**